**QORTI CIVILI – PRIM'AWLA**

**IMHALLEF:**

**ONOR. DR. GINO CAMILLERI,LL.D.**

**SEDUTA Tal-31 ta'Mejju, 2002.**

Citazzjoni numru 523/02

Xuereb Installations Ltd .

Vs.

Carmelo Farrugia ezercenti l-kummerc bl-isem ta' Majna Construction

Il-Qorti;

Rat ic-citazzjoni li biha is-socjeta attrici wara li ppremettiet:-

Illi s-socjeta' attrici hija kreditrici tal-konvenut fis-somma ta' tlieta u ghoxrin elf disa' mija u tmienja u sittin lira u erbgha u tmenin centezmu (Lm 23,968.84) prezz ta' "gypsum boards", strutturi ghalihom u materjal u merci simili u/jew relatati;

Illi s-socjeta' attrici ghanda taghti lill-konvenut is-somma ta'tmintax il-elf seba' mija u disgha liri u seba' centezmi (Lm18,709.07) prezz ta'xoghol ta' suffetti, "partitons", kisi, zebgha.u xoghol iehor simili u/jew relatat.

Illi l-konvenut ma jridx ihallas lis-socjecta' attrici d-differenza ammontanti ghal hamest elef mitejn u disgha u hamsin lira u sebgha

centezmu (Lm 5259.77) – kif jirrisulta mill-prospett li qieghed jigi anness u mmarkat Dok A u dan nonostante l-fatt illi gie interpellat diversi drabi biex ihallas.

Jghid ghalhekk il-konvenut il-ghaliex . ghar ragunijiet, premessi u dispensat is-smiegh tal-kawza a tenur ta' artikolu 167 et seq. tal-Kodici ta'Orginazzazzjoni u Procedura Civili u in vista ta' la-affidavit ta' Frank Xuereb (Dok B) m'ghandiex din il-Qorti:-

1. Tikkundanna lill-konvenut ihallas lis-socjeta' attrici l-imsemmija somma ta' Lm 5259.77.

Bl-ispejjez, komprizi dawk tal-Mandati ta' qbid u sekwestru ppresentati kontestwalment u bl-imghax legali kontra l-konvenut mill-l ta' Jannar 2002 li gie ngunt ghas-subizzjoni.

Rat l-affidavit tas-socjeta' attrici u id-dokumenti l-ohra:

Rat li l-konvenut debitament notifikat fiz-zmien preskritt mill- ligi baqa' kontumaci u fis-seduta tallum imsejjah tlett darbiet lanqas ma deherx:

Rat in-nota ta'riduzzjoni tas-socjeta attrici tal-llum stess, irriduciet it-talba taghha minn Lm5259.77 ghall Lm3529.77 stante pagament ta' Lm1730 ful-mori tal-kawza.

Peress li fic-cirkostanti t-talba kif ridotta fic-citazzjoni tidher gustifikata u jidher wkoll li hemm lok li s-sentenza tinghata illum stess, bid-dispensa tas-smiegh tal-kawza , skond il-procedura tal-artikolu 167 et sequitur tal-Kodici ta' Orginazzazzjoni u procedura Civili:

Tiddeciedi billi tilqa' it-talba tas socjeta' attrici kif ridotta fic-citazzjoni, bl-imghax legali kit mitlub u bl-ispejjes kontra l-konvent.

Imhallef

Deputat Registratur